MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIO MERCIECA**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2004

Talba Numru. 50/2004

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Illi fid-dsatax (19) ta’ April tas-sena elfejn u tlieta (2003) il-konvenuta xtrat minghand is-socjeta’ attrici diversi oggetti tad-dar kif jirrizulta mill-kopja taz-zewg invoices annessi (Dok. A u B).

Illi hija dovuta lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mitejn u hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm225).

Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet u minkejja diversi promessi l-hlas baqa’ ma sarx.

Illi qed jintalab li l-Qorti tikkundanna lill-konvenuta thallas sew dan l-ammont flimkien ma’ l-imghax mid-19 ta’ April 2003 sad-data tal-hlas effettiv u kif ukoll l-ispejjes ta’ dawn il-proceduri u dawk tal-ittri interpellatorji datati 7 ta’ April 2004 u 4 ta’ Mejju 2004.”

Ra li l-konvenuta giet debitament notifikata bl-avviz fil-5 ta’ Gunju 2004;

Ra l-kapitoliipprezentati mis-socjeta’ attrici fis-seduta tal-lum;

Billi ghalkemm notifikata regolarment il-konvenuta naqset u ma dehritx bla ma gabet ebda raguni tajba ghan-nuqqas ta’ dehra taghha;

U billi l-ammont pretiz m’huwiex iktar minn LM250;

U billi ma hemmx raguni l-ghala d-dikjarazzjonijiet ma jisthoqqilhomx li jkunu emmnuti u mittiehda bhala mistqarra;

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici kif dedotta fl-avviz tat-talba u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta ghall-hlas tas-somma ta’ LM225 prezz ta’ diversi oggetti tad-dar lilha mibjughin u kkunsinnati bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri nterpellatorji tas-7 ta’ April 2004 u l-4 ta’ Mejju 2004 hlief ghat-talba tal-imghax li jiddekorri biss mid-data ta’ din is-sentenza sad-data tal-eventwali hlas effettiv kontra l-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------